FACT SHEET

# Climate Action Authority

## 01

## Għalfejn kien hemm bżonn li titwaqqaf il-Climate Action Authority?

Il-Climate Action Authority (CAA) hija bżonnjuża biex pajjiżna jkompli jibgħat messaġġ b'saħħtu dwar l-impenn tagħna u l-isforzi kollettivi li ttieħdu f'dan il-qasam. Primarjament il-CAA se tara li l-interessi ta' pajjiżna f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima jkunu mħarsa u mismugħa. Ser ikollha l-kompetenza wkoll li dan l-isforz kollettiv ikun wieħed effettiv, ekonomikament effiċjenti, u konformi ma' policies u miri internazzjonali.

## 02

## X'inhi l-Climate Action Authority?

Il-Climate Action Authority hija l-ewwel Awtorità fl-Ewropa li ser tkun responsabbli li tikkordina u tissorvelja l-miżuri u r-regolamenti relatati mat-tibdil fil-klima ta' pajjiżna. Ser tiżgura li l-effetti qed jiġu immonitorjati u l-istrateġiji ta' Malta mħejjija biex jikkumbattu t-tibdil fil-klima jkunu effettivi u sostenibbli.

## 03

## X'inhuma r-responsabbiltajiet tagħha?

1. **Tqajjem kuxjenza** u toħloq aktar għarfien fost il-pubbliku dwar it-tibdil fil-klima u l-miżuri meħtieġa li jistgħu jikkumbattu l-effetti tagħha;
2. **Timplimenta qafas legali**, tfassal u toħloq liġijiet nazzjonali u internazzjonali biex tindirizza din l-isfida;
3. **Tirrapporta l-progress** ta' pajjiżna dwar l-azzjonijiet u l-miżuri biex ikunu mitigati l-problemi kkawżati mit-tibdil fil-klima;
4. **Tikkordina diskussjonijiet** mas-servizz pubbliku kif ukoll ma' intrapriżi u entitajiet privati biex jiġu kunsidrati u xprunati azzjonijiet favur il-klima;
5. **Tistabbilixxi policies u regolamenti** b'saħħithom biex tinħoloq bidla reali, tanġibbli, u meħtieġa fil-pajjiż;
6. **Tiżviluppa strateġija nazzjonali**, tixpruna u taġġorna l-istrateġija fit-tul għall-enerġija u l-klima, inkluż il-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima (NECP);
7. **Tiġbor l-informazzjoni** biex tikkordina proċess neċessarju biex jiġi żviluppat qafas ta' policy dwar il-klima;
8. **Tmexxi**, toħloq u timmaniġġja proġetti relatati mal-azzjoni klimatika bejn il-ministeri u entitajiet oħra tal-gvern;
9. **Toħloq skemi u inċentivi** li jappoġġjaw azzjonijiet favur il-klima.

# 04

## Kif se tkun strutturata din l-Awtorità?

L-Awtorità ser tkun immexxija minn bord li jikkonsisti minn Chairperson u sitt membri. Tnejn minn dawn il-membri huma esperti f'kwistjonijiet relatati mal-klima u erbgħa oħra għandhom sfond sod fi kwistjonijiet relatati mal-klima. Iċ-Chairperson se jissorvelja l-operazzjonijiet ġenerali tal-Awtorità. Il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet eżistenti tal-MRA, barra dawk relatati mal-minerali u l-ilma, se jiġu trasferiti taħt din l-entità ġdida.

# 05

## X'inhu l-Kunsill tal-Climate Action Authority?

Il-Kunsill huwa indipendenti u ser jagħti pariri lill-gvern fuq kwistjonijiet marbuta mat-tibdil fil-klima. Dan il-kunsill jikkonsisti minn esperti indipendenti fil-qasam tax-xjenza, il-finanzi, l-ekonomija, is-soċjal, u l-public policy. Il-funzjoni ewlenija tiegħu hija li jagħti pariri strateġiċi lill-gvern u jiżgura li Malta tkun qed timxi fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tagħha.

# 06

## X'inhu l-irwol regolatorju tal-Awtorità?

L-Awtorità għandha l-poter li toħroġ regolamenti biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Azzjoni dwar il-Klima. Dawn ir-regolamenti se jgħinu lil Malta timplimenta l-obbligi internazzjonali u Ewropej, u joħolqu miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima.

# 07

## L-Awtorità tista' toħroġ penali?

Iva, l-Awtorità tista' timponi penali amministrattivi fuq individwi jew entitajiet li jiksru r-regolamenti tal-klima. Madankollu, qabel ma timponi penali, l-Awtorità trid tikkonferma li jkun sar ksur ċar tal-liġi.

# 08

## X'ser ikun l-irwol tal-pubbliku f'dan kollu?

L-effetti tat-tibdil fil-klima huma kkawżati minn temp estrem li dejjem qed jiżdied. L-involviment tal-pubbliku huwa importanti għas-suċċess fit-tul tal-isforzi biex tinbena reżiljenza għall-klima permezz ta' sforzi għal mitigazzjoni u tal-adattament nazzjonali. B'mod prattiku kull individwu jista' jnaqqas l-impatt tat-tibdil tal-klima billi jagħmel għażliet li jgħinu fl-avvanz ta' soluzzjonijiet u jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Ħafna minn dawn l-azzjonijiet japplikaw kemm għall-individwi kif ukoll għan-negozji żgħar u ta' daqs medju. Id-deċiżjonijiet li nieħdu lkoll illum jistgħu jsawru d-dinja għal għexieren ta' snin u anke sekli li ġejjin.

# 09

## Ħidma kollettiva u komunikazzjoni kontinwa

Pajjiżna irid jaddatta l-liġijiet tal-Green Deal Ewropew u l-pakkett Fit-for-55 fuq livell nazzjonali li fix-xhur li ġejjin ser ikun qed jiġu aġġornati għal miri il-ġodda ta' 2040 sa 2050;

Il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni huma kruċjali biex jiġi żgurat li kulħadd, inkluż is-settur pubbliku, privat u l-individwi, jaħdmu flimkien biex jintlaħqu dawn il-miri;

L-Awtorità se tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-isforzi nazzjonali, tqajjem kuxjenza dwar il-klima, u timplimenta programmi ta' mitigazzjoni u adattament biex pajjiżna jkompli jikkumbatti bis-serjetà l-kwistjoni tat-tibdil fil-klima.

